**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

**Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **19.1** | **Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji** |
| 19.1.1 | Xejn |
| **19.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 19.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 18 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta’ dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 19.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira pproponiet u ssekonda Daniel Zerafa bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 18 u ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **19.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 19.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fil-25 t’Awwissu 2020, fit-8am Is-Sindku kellu laqgħa il-Kunsill Lokali mal-ħaddiema tal-Ministeru tat-Turiżmu biex naraw kif ser tiġi irranġata is-*central strip* ta’ faċċata tal-Kunsill kif ukoll fuq l-għalqa li hemm Triq il-Kavallerizza. Marru Dellimara biex jaraw x’jista jitranġa. Fl-10am kien hemm laqgħa oħra ġewwa l-Kunsill Lokali biex ġie diskuss it-tiżjin tal-Milied. |
| 19.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-27 t’Awwissu 2020, is-Sindku kellu laqgħa l-ERA minħabba l-*Air monitoring*. Wara it-taħdidiet sar qbil biex titneħħa il-kamra li hemm fuq il-bejt tal-Kunsill Lokali f’Jannar 2021. |
| 19.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-31 t’Awwissu 2020, is-Sindku kellu laqgħa mal-għalliema tal-Life Long Learning fejn marru s-Sala tal-Kappilan biex jaraw fejn ser isiru l-lezzjonijiet. |
| 19.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-2 ta’ Settembru 2020, fl-10am is-Sindku kellu laqgħa Transport Malta biex jiddiskutu id-diżgwit li hemm bejn is-sidien tad-dgħajjes tal-Boat Trips. |
| 19.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-9 ta’ Settembru 2020, fis-1pm Is-Sindku kellu laqgħa Transport Malta flimkien mal-Puluzija u rappreżentanti tat-Transport Malta fejn saru diskussjonijiet dwar il-permessi tad-dgħajjes. |
| 19.3.6 | Is-Sindku informa li l-Latrini pubbliċi ser jingħataw lill-privat. Jingħata kuntratt għal tul ta’ żmien fejn dan jirranġa u jmexxi il-latrini, imma jinżamm id-dritt li jekk l-affarijiet ma jkunux kif mixtieq jiġi terminat il-kuntratt. |
| 19.3.7 | Bandli tal-Magħluq. Informa li trid issir bandla għall nies b’diżabilta’ kif ukoll jitranġa it tapit. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ipproduċa stima tax-xogħol għall bandla u oħra għas-*Safety flooring*. |

| | |
|---|---|
| 19.3.8 | Is-Sindku informa li qabbad Perit rigward Busbiesi Lane, sabiex isir xi ristrutturar tat-triq u dawl ġdid. Talab għal-stimi ta’ dan ix-xogħol biex liema xogħol isir bil-Fondi tal-Ewropa. |
| 19.3.9 | Bandli ta Port Ruman. Is-sindku informa li talab stima sabiex jiġi tranġat id-dawl kif ukoll li sar xi żbir tas- siġar. Is-sindku iltaqa ma president tal-Football fejn spjega li għandu pjanta ġdida u talab li issir substation taħt il-carpark. Is-sindku ikkonferma li il-ġnien jibqa livell tat-triq. |
| 19.3.10 | Central Stip ħdejn Lights. Is sindku informa li xi ħadd offra luzzu pero fih ħafna spejjeż u għalekk sab jixtri ieħor b’inqas flus milli kieku jsewwi dak li kien offrut b’xejn. Dan ser jitpogga fic-*central strip* ħdejn lights. Ser isir ġibjun taħt l-art u biex il-luzzu ikun fl-ilma. |
| 19.3.11 | Is-Sindku informa li inħareġ il-permess li sabiex jitneħħew dghajjes abbandunati. Il-Kunsill ser iġib stima biex jitneħħew dawn il-bċejjeċ. Is-Sindku spjega ukoll li ġa la darba dawn jitneħħew u jmorru għall-iskrapp u jsir l-avviż fuq il-Gazetta tal-Gvern, is-sidien ma jistghux jitolbu id-dgĦajsa lura. Jekk id-dgħajsa tiżżarma u jittieħdu xi *parts* minna il-valur tal-parts jitnaqqas mill-ispiża tal-iżgumbrar. |
| 19.3.12 | Monti. Is-Sindku informa li qed jirċivi ittri ta’ theddid. Jekk ser jibqaw iwebbsu rashom il-Monti ser jitwaqqaf. Dr. Janice argumentat li legalment mhux sew li min obda ser ibgħati il konsegwenza ukoll. |
| **19.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 19.4.1 | Elenia Desira staqsiet hux possibli li jitwaħħlu *Dog Bins* lejn Triq it-Trunċiera u t-Torri ta San Luċjan. |
| 19.4.2 | Elenia staqsiet rigward permessi tal BBQ’s f’dawn l-aħħar 3 xhur. Is-Sindku irrisponda li ma ħareġ l-ebda permess minħabba il-problema tal-fidda. Ma ħarget l-ebda multa ukoll. Tenna ukoll li jeħtieġ isir tranġar fil *Bye-Law* . |
| 19.4.3 | Elenia staqsiet ukoll rigward il bankijiet u ristoranti. Is-Sindku informa li ser isiru is-sinjali sofor għar-ristoranti ukoll. |
| 19.4.5 | Elenia staqsiet jekk hemmx ħin li għandu jinġabar l-iskart tar-ristoranti għax ġie innutat li qed idum anki sal-5am. |
| 19.4.6 | Segretarju informa inxtrat il-karozza tal-Puluzija. Is-Sindku spjega ukoll li offrew li jinxtara skuter imma il-pulizija ma rieduhx. |
| 19.4.7 | Janice Chetchuti semmiet l-applikazzjoni tal-Anzjan Sportiv u qalet li innominat persuna u nformat lis-Sindku u ser tgħaddi l-informazzjoni lill-Kunsilliera l-oħra. |
| 19.4.8 | Proġett pilota mal-Animal Wellfare. Janice Chetcuti qalet li għalkemm hi kienet favur dan il proġett b’dispjaċir qalet li qed ikun hemm ħafna ħmieġ u nies li jiġġieldu u min dak li kien miftihem ma sar xejn. Hi qalet la mhux jimxu sew dan il-proġett għandu jitwaqqaf. Sar qbil li it-tabella ser tinqala. |

| | |
|---|---|
| 19.4.9 | Janice Chetcuti ikkomunikat li ser tgħamel meeting fuq xi fondi li fadal biex isir iktar neutering tal-Qtates li liema fondi iridu jiġu wżati sa l-aħħar ta' Diċembru. |
| 19.4.10 | Janice Chetcuti tkelmet ukoll dwar tindif ta' Land Strip, u qalet li jitpoġġa kajjik li kien ġie offrut. Is-Sindku wera xi dubji fuq dan il Kajjik wara xi kummenti li tpoġġew fuq FB. |
| 19.4.11 | Janice Chetcuti staqsiet x'ġara din is-sena fuq il-bajja. Is-Sindku wieġeb li din is-sena Beach Police ma kientx qed tiffunzjona tajjeb. Wasal f'tahdiet fejn Transport Malta aċċetat li jsir ċint dan ix-xahar. |
| 19.4.12 | Janice Chetcuti resqet ukoll ilmenti li meta jkunu qed jinħaslu id-dgħajes jinzel ilma biz-zebgħa ġo-baħar. Ġie iccarat li dak l-ilma hu Antifouling. |
| 19.4.13 | Janice Chetcut ukoll ressqet mistoqsija min ghand sidien tar-Ristoranti rigward id-dividers fejn is-sindku qal li ser jinbdew min naħa ta ġewwa dan ix-xahar. |
| **19.5** | **Risposta mill-Kunsill Permezz tal Avukat** |
| 19.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunika li Dr. Sladden irrisponda l-ittra li l- Kunsill irċieva mingħand Dr. Antonio De Pascuale. |
| **19.6** | **Espressjoni ta' Interess** |
| 19.6.1 | Ġie spjegat kif għandhom jiġu propsti il-proġetti u liem ser isir l-ewwel. Is-Sindku jixtieq li kull proġett li jsir , isir b'sistema ta 'turnkey' li min jieħu il-proġett jibda u jispicca mhux wieħed iwaqqaf lill–ieħor. Isir ukoll buisness plan. |
| **19.7** | **Risposta dwar il-Managment Letter** |
| 19.7.1 | Is-Segretarju spjega li din l-ittra irrispondijha flimkien ma l-accountant tal-Kunsill. Tqasmet kopja lill kunsilliera kollha u jekk hemm xi domandi jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss. |
| **19.8** | **Clean up Day** |
| 19.8.1 | Daniel Zerafa ġie avviċinat min Atla grupp ta' Diver għall-Clean up Day u talab li jinxtara materjal għax-xogħol u jinkrew skips. Ġie mgħażul li jitnaddaf quddiem is-sorijiet. |
| **19.9** | **Riżultat tal-Interview** |
| 19.9.1 | Il-President tal board, is-Sur Adrian Mifsud permezz ta' telefonata skuża ruħu li ma setax ikun preżenti. Is-Sur Mifsud ikkomunika li llum 10 ta' Settembru sar l-interview ta' Ms. Mandy Portelli Gheiti quddiem il-Bord iffurmat minnhu flimkien ma Charles Attard u Mandy Farrugia, fejn spjega li din il-kandidata issodisfat ir-rekwiżiti mitluba u fhemet x'hinu mitlub minnha. Din ġiet rakkomandata li tiġi ingaġġata. Sar qbil unanimu li tiġi ingaġġata. |

| | |
|---|---|
| | Rigward il-kandidata l-oħra ġiet approvata biex titla fi Skala 11. |
| **19.10** | **Skeda ta pagamenti** |
| 19.10.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Steven Grech. |
| **19.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 19.11.1 | Is-seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-17:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Ottubru 2020, fl-16:00pm. |

**Konfermati, illum 15 t' Ottubru 2020.**

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*